FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.

Avviz Nru 149/2019

Alexander Fenech li jezercita' l-kummerc that l-isem "Euro Clean"

Vs

Wasteserv Malta Limited

Illum 26 ta' Novembru 2019

Il-Qorti,

Rat it-talba attrici għall-kundanna ta' l-intimata għas-somma ta' erbatax-il elf, tlett mija, sebga u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (EUR 14,347.61) rapprezentanti l-bilanc pendenti ghal servizzi relatati mat-tindif tat-toroq fil-lokalitajiet ta' Marsaskala, il-Maghtab u l-Marsa, abbazi ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, u liema servizzi gew mitluba lill-intimata u rezi lilha mill-attur, u dan skond rendikont mibghu u fatturi pendenti nnifishom.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali bin-numru ta' referenza 621/2019 u bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv, minn issa kontra l-istess intimata ngunta in subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' mistoqsijiet tas-soċjeta' rikorrenti sabiex l-initmata twiegeb għalihom bil-ġurament u b' hekk il-kreditu jiġi ppruvat ai termini ta' l-artikoli 698(2) u 702 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Billi ghalkemm notifikatha regolarment l-intimata naqset u ma dehritx, la fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2019 meta ġew ippreżentati l-kapitoli u lanqas fis-seduta ta' llum meta nfetħu u nqraw l-istess kapitoli, in-Nota tal-Mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittieħed bħala mistqarra.

Il-Qorti ra wkoll d-dokumenti kollha pprezentati li ma gewx ikkontestati u li jikkorraboraw il-kontenut tat-talba odjerna.

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda taqta' din il-kawża billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lil intimata Wasteserv Malta Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 30560 thallas lill-attur s-somma ta' erbatax-il elf, tlett mija, sebga u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (EUR 14,347.61) bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjeż kollha ta' din il-kawża kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 621/2019 għandhom jiġu sopportati mill-intimata.

Maġistrat Simone Grech